**Minuti tat-Tletin ( 30 ) Laqgħa tas-Sitt ( 06 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet nhar il-Ħamis l-01 ta' Lulju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-05.30 ta' fil-għaxija**

Il-laqgħa bdiet fis-05.40 ta' fil-għaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 7.30 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Raymond Tabone | Skużat | |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.45 p.m. | 8.30 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Fill-bidu tal-Laqgħa l-Kunsillier Alfred Grima talab u ġie approvat li fl-Aġenda ta' din il-Laqgħa numru Tletin ( 30 ) tas-Sitt ( 06 ) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar issir korrezzjoni u f'*item* numru 07 u tiżdied il-kelma **"Allegat"** qabel il-kliem **"Tbagħbis ta' Invoice".**

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disgħa u Għoxrin ( 29 ) Laqgħa tal-Kunsill u tal-Laqgħa Urġenti**

1.01 Ġew approvati l-Minuti tad-Disgħa u Għoxrin ( 29 ) Laqgħa tal-Kunsill li nżammet nhar is-26 ta' Mejju 2010 b'din il-korrezzjoni :

F'para. 4.05 ( a ) Fir-raba linja jinbidlu l-kliem " **mis-Sindku** " u jidħlu il-kliem " il-Kunsillier **Alfred Grima**" .

1.02 Il-Kunsillier Alfren Grima talab u saret korrezzjoni fl-Aġenda tal-Laqgħa Urġenti tat-18 ta' Ġunju 2010 ta' din il-laqgħa billi inbiddlu l-kliem " **Segretarju Eżekuttiv** " għal " **Aġent Segretarju Eżekuttiv** ".

Ġew approvati l-minuti b'din il-korrezzjoni:

F'Para. 2.03 Fl-aħħar tal-paragrafu jiżdiedu l-kliem " **u staqsa wkoll jekk il-ftehim kienx bil-kitba. Huwa qal li għandu jiġi fformolat kuntratt għall-attivitajiet bħal din** ".

F'Para. 3.04 Tiżdied is-sentenza fl-aħħar tal-paragrafu " **il-Kunsillier Peter Abela issuġġerixxa li minħabba din il-problema jista jiġi stallat *chair lift***"

Hawn ġiet sospiża l-Aġenda biex iddaħlet *Item* '1B' b'approvazzjoni unanima.

**1.00 B Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv**

1.01 B Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li fil-Laqgħa ta' Kontinwazzjoni tad-Disgħa u Għoxrin Laqgħa ( 29 ) hija kienet irraportat li s-Sur John J. Camilleri kien qed jiġi trasferit mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'mod permanenti bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. Dan wara li dan il-Kunsill kien approva l-ħatra tas-Sur John J. Camilleri bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv fl-ewwel parti tal-istess laqgħa ( 29 ). Hija talbet sospensjoni tar-regolamenti sabiex tagħmel mozzjoni għall-approvazzjoni tas-Sur John J. Camilleri bħala Segretarju Eżekuttiv. It-talba għas-sospensjoni ġiet milqugħa unanimament. Is-Sindku poġġiet il-Mozzjoni li ġiet issekondata mill-Kunsillier Frank Gauci. Din għaddiet unanimament mingħajr votazzjoni u għalhekk is-Sur John J. Camilleri ġie approvat għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

**2.00 Punti Mqajma**

**2.00 A Punti li joħorġu mill-Minuti tad-Disgħa u Għoxrin ( 29 ) Laqgħa li nżammet nhar l-20 ta' Mejju 2010**

Dwar Para. 2.01 Il-Kunsillier Alfred Grima talab direzzjoni midDipartiment jekk hijiex legali li ma saritx *audit* u *handing over* meta nbidel is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li hu jikkomunika mal-ex Segretarju Eżekuttiv Rose Camilleri bħala *handing over*. Dwar l-*audit*, il-Kunsillier Peter Abela qal li ma hemmx bżonn li jitwaqqaf l-

operat sabiex isir *audit*. Ġie maqbul li tintalab direzzjoni mid-Dipartiment.

Dwar Para. 4.01 Rigward il-Kuntarttur Adam Bugeja, il-Kunsillier Mario Camilleri qal li dan kien parti mill-kuntratt. Ix-xogħol sar u s-servizz ingħata. Niktbu lid-Dipartiment li l-Kunsill iddeċieda li 5% titħallas u niktbu lid-Direttur sabiex japprova bil-miktub dak li ġie miftihem fil-laqgħa bejn l-avukati.

Dwar Para. 4.11 Is-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri jerġa jfittex il-karti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Dwar Para. 4.12 Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa jekk hux ser jinħatar il-Bord kif huwa kien issuġġerixxa fil-korrispondenza permezz ta' e-mail li kien bagħat lill-Kunsill. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li hu ma kienx ser jibqa fuq dan is-sotto kumitat u mhux ħa jżomm il-karigi relatati mal-Unjoni Ewropeja billi huwa kien impjegat fil-PPCD li huwa id-Dipartiment li jitratta l-applikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja u għalhekk jista jkun hemm *conflict of interest*. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li wara tlett xhur mid-data tal-proposta tiegħu għandu jiġi deċiż jekk jinħatarx Bord apposta. F'dan l-istadju, inqrat fil-korrispondenza permezz ta' e-mail tal-Kunsillier Alfred Grima ( ref. 55/6124/10/I ) li reġgħet intbagħtet fit-28 ta' Ġunju 2010 u li l-oriġinali tagħha kienet diġa telgħat quddiem il-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li jistenna kontra proposti għal din l-ittra. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li l-kontra proposta hija li jinħatar Kunsillier inkarigat minn din il-materja u s-sotto kumitat jaqa' taħt dan il-Kunsillier. Dan minflok Bord indipendenti. Is-Sotto Kumitat għandu jiġi magħżul mill-istess kunsillier. Alfred Grima qal li hu ma jaqbilx ma dan, għax dan mhuwiex dak li ġie propost fl-ittra msemmija.

Hawnhekk, il-Kunsillier Ray Bartolo irtira l-kontro proposta.

Ittieħed vot fuq dwar jekk il-kontenut tal-ittra tal-Kunsillier Alfred Grima għandux jiġi attwat. Il-Kunsillier Mario Camilleri dak il-ħin kien ħareġ mill-kamra u kien hemm tlett voti favur ( Graziella Galea, Jason Camilleri u Alfred Grima ) u ħames voti kontra ( John Bray, Martin Zerafa, Frank Gauci, Peter Abela, Ray Bartolo ). Għaldaqstant, il-proposta skont l-ittra msemmija ma ġietx approvata.

Dwar Para. 4.13 Is-Sindku qalet li wara li hija u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mas-Sindku ta' Pozzallo, instab li mhux *worth it* li tapplika għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja għal skop ta' ġemellaġġ. Għalhekk l-applikazzjoni

ser issir kif titlob il-liġi lokali kemm għal ġemellaġġ mal-Greċja kif ukoll għal dak ta' Pozzallo.

Dwar Para. 4.16 Inqrat kopja tal-*accounts* tal-Paramount Garages kif ippreparata mill-Accountant tal-Kunsill. Ġie deċiż li tinħareġ talba għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *coaches*.

**2.00B Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Kontinwazzjoni tad-Disgħa u Għoxrin ( 29) Laqgħa li nżammet nhar is-26 ta' Mejju 2010**

Dwar Para. 4.03 Is-Segretarju Eżekuttiv, qal illi ġab stima oħra għal proviżjoni ta' strixxi tal-injam għal bankijiet pubbliċi, bil-prezz ta' €18.00 kull strixxa. Huwa ġie awtorizzat biex jordna dan l-injam bil-prezz imsemmi.

Dwar Para. 5.03 Intalab li tinkiteb ittra lil Griegi fejn nitolbu risposta sal-aħħar ta' Lulju 2010 dwar data eżatta għal mawra fil-Greċja f'Settembru 2010 u din tiddaħħal bħala Aġenda item għall-laqgħa oħra tal-Kunsill.

**2.00C Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa Urġenti Nru ( 29 ) li nżammet nhar it-18 ta' Ġunju 2010**

Dwar Para. 1.00 Is-Sindku l-Perit Graziella Galea rringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv għall-għajnuna li taha sabiex din l-attivita' tkun tista ssir u fl-istess ħin uriet id-diżappunt tagħha dwar il-fatt li l-Kunsilliera ma kienux attendew għal din l-attivita'.

Dwar Para. 2.00 Il-Viċi Sindku John Bray qal li kien hemm bosta tgergir minn ġenituri dwar il-fatt li l-Każin tal-Banda ma kienx il-post addattat fejn għandhom isiru l-korsijiet tal-komputer. Ġie deċiż li sakemm jinstab post aktar addattat, kif mitlub fis-sejħa għall-offerti, il-kumpanija TCTC tintalab tibqa torganizza l-korsijiet f'dan il-Każin fuq bażi temporanja sakemm fi ftit ta' żmien ieħor jinstab post aktar addattat.

Billi l-Kunsillier Jason Camilleri kellu bżonn jitlaq kmieni, il-Kunsillier Alfred Grima ppropona li jiġi diskuss *Item* Nru. 7 tal-Aġenda qabel ma jiġu diskussi l-*items* l-oħra. Ġie approvat unanimament li jsir dan. F'dan l-istadju daħal *crew* tat-televiżjoni sabiex jiffilmja l-andament tal-laqgħa. Meta s-Segretarju Eżekuttiv ġie mistoqsi jekk kienx permess li jista jsir dan, huwa rrisponda li skont il-liġi l-*Media* kellha dritt tirrapporta l-laqgħat tal-Kunsill, u meta l-*Crew* ġie mistoqsi lil min jirrappreżentaw, dawn irrispondew li kienu qed jirrappreżentaw lill-*One Productions*.

**3.00 Rapport / Informazzjoni relatata ma' Allegat Tbagħbis ta' *Invoice***

Is-Sindku l-Perit Graziella Galea, qrat rapport li sar minnha u mis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan l-allegat tbagħbis ta' *Invoice*. Fl-*invoice* minn *Jonstore Ironmongery* il-figura ta' €12 ġiet mibdula għal figura ta' €72. L-*Invoice* kienet iċċertifikata mit-*Technical Officer* tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet, is-Sur Joseph Borda. Inqrat ukoll l-ittra li ntbagħtet lil Assistent Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit. Ir-Rapport intbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u fuq struzzjonijiet mill-istess Dipartiment, dan ġie mgħoddi flimkien mad-dokumenti kollha kkonċernati lil Assistent Kummissarju. Il-Kunsillier Peter Abela qal li għandu jsir kontroll strett fuq xiri ta' materjali u kwotazzjonijiet għal xogħolijiet li jsiru mill-Kunsill. Ġie ssuġġerit li ssir investigazzjoni fuq xiri li sar fil-passat u li ġie ċċertifikat mis-Sur Joseph Borda. Il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel għandu jistenna r-rapport tal-pulizija fuq dan il-każ. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mogħti struzzjonijiet sabiex ma jsirx aktar xiri minn għand il-ħanut kkonċernat sakemm jinħareġ ir-rapport tal-pulizija.

F'dan l-istadju l-*Crew* ta' *One Productions* ħareġ mill-kamra.

## 4.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet

Ġiet imqassma lista tal-korrispondenza. Sakemm sar il-ħin għall-egħluq tal-laqgħa, laħqu nqraw 22 *item* li d-deċiżjoni dwarhom tinsab fil-lista annessa ma' dawn il-minuti. Ġie deċiż li l-kumplament tal-lista tal-korrispondenza ssir fil-laqgħa ta' kontinwazzjoni.

## 5.00 Egħluq tal-Laqgħa

5.01 Peress li kien sar il-ħin, il-laqgħa intemmet fit-08.30 ta' fil-għaxija u ġie deċiż li din għandha tikompla nhar il-Ħamis 08 ta' Lulju 2010 fil-05.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Perit Graziella Galea<br>Sindku | John J. Camilleri<br>Segretarju Eżekuttiv |
| 02 ta' Awissu 2010 | ref. 55/7376/10/0JC |